MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 149/2003

**Alfreda Barbara**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici Alfreda Barbara twieldet fiz-Zejtun fis-17 ta' Lulju 1952 u ghandha Att tat-Twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni 5338/1952 (Dok. A).

Illi fl-imsemmi Att tat-Twelid taghha Dok. A, id-data tat-twelid giet erroneament indikata bhala “14th July 1952" filwaqt illi hija twieldet fis-sbatax (17) ta' Lulju 1952, u dan kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi c-Certifkat tal-Maghmudija taghha hawn anness bhala Dok. B juri illi l-attrici twieldet fis-17 ta' Lulju 1952.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

Tordna illi fl-Att tat-Twelid numru hamest elef tliet mija u tmienja u tletin tas-sena elf disa' mija tnejn u hamsin (5338/1952) ssir korrezzjoni mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku billi fil-kolonna "*Hour, day, month and year*" tithassar il-figura erbatax (14) u titnizzel minflokha l-figura sbatax (17) b'mod li d-data tigi taqra "*17th July 1952*".

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 13 tal-process;

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku a fol 23 fejn gie eccepit:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-intavolar ta' din l-kawza mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent Ii ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 24 u 25 tal-process;

Rat in-nota tal-attrici tas-26 ta’ Mejju 2003 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fic-citazzjoni billi fl-ewwel premessa l-isem “Alfred“ jigi mibdul biex jinqara “Alfreda” w id-data tat-twelid in-numru “24” isir “17” u l-kawza giet deciza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI

Illi fl-affidavit taghha *l-attrici* sostniet illi:

*“Jien twlidt fiz-Zejtun fis-17 ta’ Lulju 1952, izda fic-certifikat tat-twelid tieghi hemm zball billi miflok ma tnizzlet il-figura 17, tnizzlet il-figura 14 bi zball.*

*Id-data korretta tirrizulta mic-certifikat tal-Maghmudija tal-Knisja Dok ‘B’.*

*Qed naghmel din il-kawza biex nikkoregi dan l-izball.”*

### (B) IL-KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-twelid ta’ l-attrici, li jgib in-numru 5338/1952 *stante* li l-istess attrici qed issostni li twieldet fis-sbatax (17) ta’ Lulju 1952 u mhux fl-14 ta’ Lulju 1952 kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-twelid ta’ l-istess attrici, fis-sens illi giet ndikata erronjament id-

data tat-twelid ta' l-istess attrici bhala "14 ta' Lulju 1952", meta fil-fatt id-data korretta hija "17 ta' Lulju 1952".

Illi dan jinsab ikkonfermat mic-certifikat tal-maghmudija mahrug mill-Parrocca tal-Madonna ta' Pompei (Dok 'B') li jindika li l-attrici fil-fatt twieldet fis-17 ta' Lulju 1952 u mhux fl-14 ta' Lulju 1952.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur Registru Pubbliku **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta fic-citazzjoni, b'dan illi:-

1. Tordna illi fl-Att tat-Twelid numru hamest elef tliet mija u tmienja u tletin tas-sena elf disa' mija tnejn u hamsin (5338/1952) ssir korrezzjoni mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku billi fil-kolonna "*Hour, day, month and year*" tithassar il-figura erbatax (14) u titnizzel minflokha l-figura sbatax (17) b'mod li d-data tigi taqra "*17th July 1952*".

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha issir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**